MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tat-3 ta' Ottubru, 2008

Appell Civili Numru. 4/2008

**Anabelle Cumbo**

**vs**

**Float Glass Ltd**

**Il-Qorti,**

Fid-9 ta' April, 2008, it-Tribunal Industrijali ppronunzja s-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

> **"<u>1. Introduzzjoni</u>**
>
> Dan il-kaz gie intavolat permezz ta' rikors fl-20 ta' Frar 2007 mill-Avukat Joseph Zammit McKeon f'isem Anabelle Cumbo fejn gie allegat li din kienet giet licenzjata mill-impieg minn mas-socjeta` Float Glass Ltd fl-24 ta' Novembru 2006 minghajr raguni tajba u sufficjenti. Il-Kumpanija Appellata, li kienet

rapprezentata minn Sylvana Zammit, Direttur, assistita mill-Avukat Edward Gatt, innegat dan.

Inzammu tmien seduti.

Ai termini ta' l-Artikolu 78(1) tal-Kap 452 it-Tribunal ma kienx f'posizzjoni li jisma' u jaqta' l-kaz fiz-zmien ta' xahar preskritt mil-ligi. Dana peress illi t-Tribunal ghandu nuqqas ta' infrastruttura xierqa u wkoll minhabba l-istat ta' gravidanza ta' l-Appellanti meta kien mitlub u nghata differiment twil ta' bosta xhur.

**2. Fatti tal-kaz**

Il-Kumpanija Appellata tallega li l-Appellanti kienet qed tipprepara li titlaq il-post taghha peress illi kienet harget tqila u rat kif ghamlet biex tohloq incident li kien intiz biex tigbor somma ta' flus. Oltre dan il-komportament u l-prestazzjoni tax-xoghol taghha kienu kagun tat-tkeccija taghha.

L-Appellanti mill-banda l-ohra tallega li l-vera raguni ghal licenzjament taghha kien il-fatt illi harget tqila. L-Appellanti tghid li wara li giet ippressata minn Sylvana Zammit hi ffirmat *Termination Form* inbjank u wara din giet mimlija u bhala raguni tnizzel li fil-gurnata tat-terminazzjoni taghha hi kienet ghadha fuq *probation.*

**3. Konsiderazzjonijiet**

Ma' tul is-smiegh tal-kaz u specjalment waqt it-trattazzjoni gie rilevat mill-Kumpanija Appellata li l-licenzjament sar waqt perijodu ta' prova ghaliex gie ritenut illi l-impieg ta' l-Appellanti beda f'Settembru 2006 u mhux f'Mejju ta' l-istess sena kif gie allegat minn l-Appellanti. Fuq dan il-punt kien hemm kwistjoni kbira li kienet tinvolvi zewg dokumenti, dak mahrug mill-ETC (Dok B) li jindika li l-bidu ta' l-impieg kien l-4 ta' Settembru 2006, u kopja ta' ittra bla data bil-firma ta' Sylvana Zammit

(Dok AS2) li tghid li l-Appellanti kienet giet impjegata fit-22 ta' Mejju 2006 u li kienet ezawriet il-perijodu ta' prova. Din l-ittra, ghad li ffirmata minn Zammit, giet dikjarata minnha stess bhala falza ghaliex kienet inkitbet, skond hi, esklusivament biex takkomoda lill-Appellanti ma' bank biex tkun tista' tiehu self biex tixtri karozza.

It-Tribunal inkwetah il-fatt li wahda jew l-ohra mill-partijiet ma kinetx qed tghid il-verita, ossia kienet qed tigdeb, ossia kienet qed tikkommetti spergur. Kieku kellu indizi iktar cari t-Tribunal kien jirrapporta lil dik il-persuna li gidbed bil-gurament biex jittiehdu passi kriminali kontriha minhabba spergur.

It-Tribunal jaghti piz kbir lid-dokument li jikkostitwixxi d-Dikjarazzjoni tal-Kaz. Jinnota li fid-Dikjarazzjoni taghha l-Kumpanija Appellata ma rreferit xejn ghar-raguni ta' tkeccija bhala li grat waqt *probation.* Dan il-punt tqajjem iktar tard u gie ventilat hafna waqt it-Trattazzjoni Finali. Dan il-punt huwa ferm rilevanti ghal dik li hi l-kompetenza o meno ta' dan it-Tribunal. Ghalhekk kellu jkun imqajjem fi stadju bikri tas-smiegh, *in limine litis.* Certament ma setax jithalla ghal meta s-smiegh tal-kaz ikun avvanzat hafna. Ghaldaqstant it-Tribunal sejjer jikkoncentra biss fuq ir-ragunijiet allegati mill-Kumpanija Appellata fid-Dikjarazzjoni tal-Kaz taghha.

Fost ir-ragunijiet li dwarhom gew prezentati provi kien hemm l-ilbies allegatament mhux xieraq li kienet tirrapporta bih ghax-xoghol l-Appellanti. Il-komportament taghha ntqal li kien ukoll mhux addattat f’ambjent fejn il-maggor parti tal-haddiema kienu rgiel. Id-diretturi tal-kumpanija appellata jirritjenu li kemm-il darba kellmuha fuq dan ghad li l-Appellanti tghid li twissijiet qatt ma nghatawlha. Sylvana Zammit mill-banda l-ohra tghid li kemm il-darba wissietha. Dawn in-nuqqasijiet huma ta' certa serjeta partikolarment

meta jinghad li l-Appellanti kienet tiffrekwenta post fejn kienu jingabru l-haddiema rgiel waqt il-*break,* kienu jidhru it-*tattoos* li kellha f'postijiet strategici ta' persunitha u kienet thobb tifflertja. Twissijiet bil-miktub kienu forsi jnehhu kwalsiasi ekwivoku dwar il-veracita o meno ta' kemm u kif saru t-twissijiet. Mill-banda l-ohra t-Tribunal ma hux tal-fehma illi n-nuqqasijiet imsemmija, ghad li kienu serji u ripetuti u anke jekk saru twissijiet dwarhom, ma kienux ta' grad sufficjenti biex l-Appellanti tinghata s-sanzjoni massima ta' tkeccija.

It-Tribunal imbaghad ghadda biex jezamina dak li finalment gieghel lill-Kumpanija Appellata biex tillicenzja lill-Appellanti. Din tallega li giet sommarjament imkeccija meta nfurmat lill-Kumpanija Appellata illi kienet *pregnant.* Tajjeb li wiehed jezamina bir-reqqa d-dinamika ta' l-ahhar jiem ta' l-impieg taghha. Sylvana Zammit tghid illi l-papa taghha kien qalilha li xeba' bl-atteggjament ta' l-Appellanti u kien heggigha biex twaqqafha mix-xoghol. Meta gharrfitha b'dan Zammit tghid li l-Appellanti qaltilha "...Jiena wkoll ghandi xi nghidlek. Qaltli jiena fil-fatt kont se nghidlek li se nieqaf xorta l-ghaliex *pregnant* u kellha xi xaharejn u nofs tqala" (seduta 24.10.08 fol. 10). Imbaghad l-Appellanti harget fuq jumejn frank. Fix-xiehda taghha l-Appellanti taghti versjoni ftit differenti. Tghid li avzat lil Sylvana Zammit it-Tnejn 20 ta' Novembru 2006 li kienet tqila. Tghid li Zammit qaltilha li kienet se tkellimha ghax dakinhar kienet mghaggla. Meta Zammit regghet dahlet ghax-xoghol jumejn wara, voldieri l-Erbgha 22 ta' Novembru 2006, qalet lill-Appellanti li setghet tieqaf mill-ghada. Din tghid testwalment "Qaltli ghax jien ma rridekx tahdem hawn gew b'zaqq daqshiex quddiem dawn l-irgiel kollha". Kompliet tghidilha "Jew itlaq l-ghada u qaltli jew inkella ahdem minghajr ktieb sakemm insib ohra u jien m'accettajtx" (seduta 23.1.08 fol. 7-8).

Hija haga ta' l-iskantament kif id-decizjoni tal-Kumpanija Appellata li tillicenzja lill-Appellanti kkoncidiet ezattament ma' l-ahbar li tat l-Appellanti li kienet tqila! Dan il-kaz kien karatterizzat minn nuqqas ta' qbil minn xhieda dwar dak li gara. Ghaldaqstant it-Tribunal ikollu bilfors fin-nuqqas ta' kredibilita ta' dak li jkun sema' jimxi skond il-bilanc ta' probabilita.

It-Tribunal ikkunsidra wkoll in-nuqqas ta' qbil li kien hemm dwar il-firma tat-*termination form.* Skond l-Appellanti hija ffirmata inbjank waqt li l-Kumpanija Appellata tghid illi l-Appellanti ffirmat il-formula ga mimlija u dan minghajr sforz ta' xejn. Kienet meta l-Appellanti regghet marret l-ufficju granet wara meta oggezzjonat u qattghet il-formula. Wiehed jista' jikkonsidra, u din hi t-tezi tal-Kumpanija Appellata, illi meta ffirmat il-formula l-Appellanti kienet qed taqbel li titlaq. Dana jorbot xi ftit ma' dak li xehdet Sylvana Zammit. Izda mill-banda l-ohra dan ma jistax fl-opinjoni tat-Tribunal jigi interpretat bhala xi forma ta' tluq konsenswali. Decizjoni li wiehed jitlaq impieg, hi x'inhi r-raguni, hija decizjoni mill-iktar serja fil-hajja lavorattiva ta' haddiem. Ghalhekk jinhtieg certa formalita u biex tigi ppruvata jrid ikun hemm certa limpidezza dwar dak li jkun gara. Dak li gara f’dan il-kaz bhal hafna fatti li gew rakkuntati huwa ftit imtappan min-nuqqas ta' qbil bejn il-partijiet. L-iktar li jista' jasal biex jemmen it-Tribunal huwa li l-appellanti kienet esprimiet xi fehma li tirtira minhabba l-*pregnancy* taghha izda ma jistax jinghad, u ta' dan ma hemmx provi, li fil-fatt tat xi rizenja. Altru li tghid illi qed tikkontempla li titlaq u altru li fil-fatt tirrizenja. Kollox ma' kollox jidher illi l-licenzjament ta' l-Appellanti setghet kienet motivata min-nuqqasijiet li gew deskritti waqt is-smiegh tal-kaz. Izda lit-Tribunal jirrizultalu li l-licenzjament, li forsi kien ga kontemplat, sar meta Sylvana Zammit saret taf bil-*pregnancy* ta' l-Appellanti. Dana jfisser, fl-opinjoni tat-Tribunal, li l-vera raguni li ghaliha skattat d-decizjoni drastika tal-licenzjament kien fil-fatt l-

ahbar tal-*pregnancy* ta' l-Appellanti. Dan s'intendi mhuwiex legalment accettabbli bhala l-motiv ta' tkeccija mill-impieg.

**4. Decizioni**

It-Tribunal Industrijali jsib li l-licenzjament ta' l-Appellanti Anabelle Cumbo minn mal-Kumpanija Appellata Float Glass Ltd kienet ghal raguni li la hija gusta u lanqas sufficjenti.

**5. Kumpens**

It-Tribunal jillikwida l-kumpens dovut lill-Appellanti mill-Kumpanija Appellata fl-ammont ta' €4542.28 (Lm1950) li jrid jigi mhallas kwantu ghal €2542.28 immedjatament u l-bilanc ta' €2000 sa zmien xahar mil-lum.

B 'hekk jintemm dan il-kaz.

**6. Drittiiiet**

Ai termini ta' l-Avviz Legali Numru 48 ta' l-1986 it-Tribunal jiffissa d-drittijiet ta' min assista lill-partijiet fl-ammont ta' €93.17 (Lm40) kull wiehed.”

Il-kontestazzjoni tas-socjeta` intimata fil-konfront ta' din is-sentenza hi artikolata bis-segwenti aggravji:-

(1) It-Tribunal qatt ma esprima ruhu fis-sens illi, fir-riskontru minnu tal-konflittwalita` tal-versjonijiet, dik ta' l-appellata kellha titqies aktar kredibbli. Ankorke wiehed kellu jemmen il-versjoni ta' l-appellata l-fatt li hi ffirmat it-*termination form*, anke jekk in bjank, dan kellu jinduci ghall-accertament illi hi qablet li titlaq mill-impjieg. La darba dan hu hekk, l-appellata ma setghetx tapprofitta ruhha biex tattakka l-fatt tat-temm ta' impjieg taghha;

(2) It-Tribunal naqas li jidhol fil-kwestjoni meta ezattament bdiet tahdem l-appellata. Dejjem skond is-

socjeta` appellanti, it-twaqqif mill-impjieg sehh fil-perijodu tal-*probation*;

(3) Il-kumpens moghti mit-Tribunal hu, fic-cirkustanzi tal-kaz, esagerat u astronomiku;

Fir-risposta ta' l-appell taghha l-appellata taffronta qabel xejn lis-socjeta` appellanti bil-pregudizzjali illi l-appell interpost hu null u bla effett ghax mhux impernjat fuq "punt ta' dritt" a norma ta' l-Artikolu 82 (3) tal-Kapitolu 452;

In lineja ta' introduzzjoni jibda biex jigi registrat illi r-ricerka li kellu jaghmel it-Tribunal kellha twasslu biex jiddetermina jekk it-tkeccija mill-impjieg ta' l-appellata kienetx wahda gustifikata, minghajr raguni tajba u bizzejjed. Dan, fil-qafas tal-provvediment ta' l-Att dwar l-Impjiegi u Relazzjonijiet Industrijali, ex-Artikolu 36 (14) tieghu;

Sa recentement hafna, in mertu ghal kwestjoni konsimili, din il-Qorti ghamlet din ir-riflessjoni:-

"Indubbjament, 'ir-raguni tajba u bizzejjed' li ssemmi d-disposizzjoni tal-ligi hi kwalifikazzjoni guridika tal-kondotta ta' l-impjegat, idoneja biex tillegittima c-cessazzjoni tar-rapport ta' impjieg. Ragonevolment, imbaghad, l-accertament ta' dawk l-elementi ta' fatt li jintegraw il-parametru normattiv ta' l-espressjoni suddetta hu mqieghed fuq il-pjan tal-gudizzju ta' fatt u tali, fil-limiti stretti ghal liema hu akkordat appell lil din il-Qorti skond l-Artikolu 82 (3) ta' l-Att, hu incensurabbli quddiem Qorti ta' revizjoni, ammenokke ma jigix riskontrat illi l-motivazzjoni tas-sentenza hi affetta minn zbalji logici-guridici" ("**Arthur Walker -vs- Foster Clark Products Limited**", 30 ta' April, 2008);

Ri-epilogu tal-konstatazzjonijiet ta' fatt maghmula mit-Tribunal fuq l-analisi minnu tal-provi jipprovdi dawn ir-riljevi l-aktar sinjifikattivi:-

(1) L-appellata bdiet fl-impjieg mal-kumpanija fit-22 ta' Mejju 2006. Dan it-Tribunal wasal ghalih fuq il-bazi tad-dokument esebit a fol. 150 tal-process li kien jghid illi "*probation period have been completed and now Ms Cumbo is engaged on an indefinite contract with a wage of Lm90.10 net per week*";

(2) Fost ir-ragunijiet additati ghal skop ta' licenzjament hemm dawk ta' l-ilbies mhux xieraq, il-fatt tal-gravidanza taghha, u s-sottoskrizzjoni minnha fuq it-*termination form*;

In segwitu, fuq il-fatti kkonstatati t-Tribunal ghadda biex ghamel dawn l-osservazzjonijiet spigolati mis-sentenza:-

(1) Kwantu ghal punt enumerat (1) is-socjeta` appellanti minn imkien fid-Dikjarazzjoni tal-Kaz ma ssollevat il-kwestjoni li t-tkeccija avverat fil-perijodu tal-*probation*;

(2) In-nuqqasijiet lamentati ta' l-ilbies mhux xieraq, anke jekk serji u ripetuti, ma kienux ta' grad sufficjenti li jeskogitaw is-sanzjoni ultima tal-licenzjament;

(3) In vista tal-versjonijiet kontrastanti sab li kellu jadotta l-principju tal-bilanc tal-probabilitajiet;

(4) Li bejn l-asserzjoni tas-socjeta` appellanti illi l-appellata kienet qed taqbel li titlaq mill-impjieg minhabba l-istat gravidu taghha u l-gharbiel tal-provi kellu jtendi versu l-konkluzjoni illi, ankorke setghet esprimit dik il-fehma, dan ma kellux jekwipara ghal xi rizenja da parti taghha;

(5) Il-fatt jibqa' li l-licenzjament sehh fl-istess mument meta l-kumpanija, tramite Sylvana Zammit, saret taf bit-tqala taghha;

Hi l-fehma ponderata ta' din il-Qorti illi l-motivazzjonijiet dedotti mit-Tribunal ma jistghux jitqiesu vizzjati ghal dawk li huma l-principji regolaturi tal-materja in bazi ghal dawk il-fatti apprezzati;

Opportunement, din il-Qorti qed taghmel il-konsiderazzjonjiet li gejjin:-

(1) Jispetta dejjem lil min ihaddem li jipprova s-sussistenza tal-fatti addebitati lill-impjiegat tieghu. Kompitu tat-Tribunal hu dak li jevalwa dawk l-istess fatti addebitiati, il-gravita` u l-frekwenza taghhom, u l-incidenza taghhom fuq ir-rapport fiducjarju partikulari li jorbot flimkien lil min ihaddem u l-impjegat;

(2) Fil-kaz prezenti, it-Tribunal Industrijali sab, fuq il-mizien tal-valutazzjoni tal-fatti, illi ma giex sodisfacentement provat li l-imgieba allegatament trasgressiva fl-ilbies da parti ta' l-appellata kellha tikkonkretizza ruhha f'inadempjentement ta' tali intensita li kien jintitola lis-socjeta` appellanti ttemm ir-rapport tax-xoghol. Tali ezami kien, b'mod esklussiv, jaqa' fil-kompetenza tat-Tribunal u l-kritika ta' dak l-apprezzament kienet tesorbita mill-gurisdizzjoni u s-sindakar ta' din il-Qorti;

(3) L-estinzjoni ta' rapport tax-xoghol tingieb fis-sehh bil-manifestazzjoni tal-volonta ta' xi hadd fost il-partijiet kontraenti, salv l-osservanza tal-modalitajiet u tat-termini mil-ligi prefissi. Wisq ragonevolment, meta, kif inhu wkoll il-kaz prezenti, il-parti l-wahda tallega li l-parti l-ohra akkonsentiet li tispicca mix-xoghol, il-prova dwarha kellha, imbaghad, tkun wahda ferm rigoruza. Dan anke ghaliex, fil-hsieb tal-Qorti, huwa diskutibbli, fil-previzjoni tad-disposizzjonijiet ta' l-Att li jirregola l-impjiegi, kemm tista' tkun konfigurabbli rinunzja jew transazzjoni li ghandha b'oggett qaghda li tinfluwixxi fuq id-drittijiet tal-haddiem;

(4) Kif taraha din il-Qorti l-fatt li l-appellata ffirmat in bjank il-formula tat-temm ta' mpjieg ma ghandux

jitraduci ruhu fis-sens sottomess mis-socjeta` appellanti illi l-komportament ta' l-appellata kien tali li kellu bilfors jinftiehem bhala abbandun ta' l-impjieg jew ta' xi dikjarazzjoni tacita ta' rizenja. Fiha nfisha dik is-sottoskrizzjoni ma setghetx tikkonfigura, anke minhabba difett ta' univocita` kif rizultanti mill-provi, bhala xi dimissjoni. Skond din il-Qorti, bhat-Tribunal qabilha, minn imkien mill-provi ma tirrizulta din il-manifestazzjni ta' volonta fl-appellata, espressa jew estratta minn fatti inekwivoci u hekk konfermattiva ta' dik l-allegata intenzjoni taghha;

(5) Ikollu jigi osservat, imbaghad, minn ottika ta' dritt, illi t-Tribunal ma jidherx li ppekka meta, konfrontat b'versjonijiet konfliggenti, ghazel li jimxi fuq it-test tal-bilanc tal-probabilitajiet. "Kif jinghad minn Powell, citat fis-sentenza **Vol. XXXVI P I p 329**, «*in the administration of justice, as in ordinary life, we have often to deal with competitive 'probabilities'. The tribunal must not look for more than what is moral certainty; it should not act on a mere possibility. But a large field lies between these two extremes. The whole object of evidence is to create a conviction in the mind of a reasonable and practical man; and such conviction must be based upon the facts proved by express evidence and on the inference which naturally and probably arise form them …*». Fl-istess sentenza hemm ukoll citat **Taylor** li jghid «*in trials of fact the true question is not whether it is possible that the testimony may be false, but whether there is sufficient probability*»". Ara "**Diana Harvey *nomine et proprio* -vs- Concetta *sive* Cissie Attard**", Appell Kummercjali, 11 ta' Gunju, 1968, li minnha din is-silta hi mehuda;

(6) Ma ghandnix xi nghidu, imbaghad, illi fuq il-prospettazzjoni tieghu tal-kawza tal-licenzjament il-kollegament li rrizulta lit-Tribunal mis-sintesi tal-fatti kien jaghmel dik l-istess kawza wahda legalment inaccettabli. Wisq korrettement, kull licenzjament minn post tax-xoghol ghal raguni ta' gravidanza ma jistax hlief jitqies illegittimu u altament diskriminatorju;

Maghmula dawn il-konsiderazzjonijiet din il-Qorti, anke indipendentement mir-riflessjoni illi l-gravami devoluti lilha huma maggorment censura ta' l-apprezzament diskrezzjonali tal-provi da parti tat-Tribunal, ma tarax raguni biex tiddiskosta ruhha mill-konkluzjoni raggunta fis-sentenza appellata. Dan, lanqas fir-rigward tal-likwidazzjoni tal-kwantum tal-kumpens in kwantu dan ukoll jirrientra fl-isfera esklussiva tal-valutazzjoni diskrezzjonali mit-Tribunal. Kif kellha okkazjoni tosserva din l-istess Qorti, "huwa veru li, *a prima vista*, il-kumpens likwidat f'dan il-kaz jista' talvolta jidher esagerat imma dan m'ghandux ifisser illi t-Tribunal injora l-indikaturi prefissi mil-ligi fl-Artikolu 81 (2) (a) tal-Kapitolu 452. Biex jinghad kollox, dawk l-indikaturi ma humiex ezawrjenti u din il-Qorti ghandha ragonevolment tassumi illi t-Tribunal ha in konsiderazzjoni c-cirkustanzi kollha tal-kaz" ("**Godwin Vassallo -vs- Vittoriosa Gaming Limited**", 28 ta' Marzu, 2008).

Ghall-motivi kollha predetti din il-Qorti qed tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata, bl-ispejjez kontra s-socjeta` intimata appellanti.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------